## WIED IL-GĦAJN - IL-BIERAĦ U LLUM

Is-sena l-oħra l-parroċċa tagħna ċċelebrat il-Ħamsin Sena minn meta inġabet l-istatwa ta' Sant'Anna minn Bolzano. Fis-sena 1946 kienet inħasset il-ħtieġa li ssir statwa ta' Sant'Anna biex din tintrafa' min-nies ta' Wied il-Għajn f'jum il-festa. Hawnhekk ta' min isemmi fatt żgħir imma ta' interess. Ċertu Spiru Vella mill-Birgu, li fi żmien il-bidu tal-gwerra kien refuġjat għand bintu, ġo Wied il-Għajn, għamel wegħda. Dak iż-żmien ulied Spiru, Ġorġ u Ġużeppi kienu jaħdmu wieħed Ħal Far u l-ieħor it-Tarzna. Kien wiegħed li jekk uliedu, li kellhom xi ftit 'il fuq minn tletin sena, ma jiġrilhom xejn waqt l-iskariġġ tagħhom minn fuq ix-xogħol sad-dar minħabba l-bombi tal-gwerra, joffri l-flus biex issir statwa ta' Sant'Anna. Dun Tarcis Agius, li dak Iż-żmien kien il-viċi kappillan, kien qal lil ħafna nies li ħolom li raġel xwejjaħ kellu joffri li jħallas il-vara meta jiġi l-waqt. Dak iż-żmien Vella ġa kellu madwar sittin sena u meta għarraf lill-Kappillan bix-xewqa tiegħu, dan irrealiżża li waħda mix-xewqat tiegħu kienet sejra sseħħ. Għalhekk Dun Tarcis Agius iddeċieda li jordna statwa għall-okkażjoni.

L-istatwa ta' Sant'Anna bil-Madonna ħdejha, bħala tifla ta' madwar sitt snin, ġiet maħduma minn żewġt izkuk ta' siġra. Zokk sħiħ għall-istatwa ta' Sant'Anna u ieħor, għall-Madonna. Inħadmet f'Bolzano l-Italja minn Ferdinando Stufflesser. Il-Kappillan stess kien tela' apposta Bolzano u kif jidher minn ritratt li ttiħidlu hemmhekk, ta' l-ewwel daqqa ta' skalpell. Il-vara ġiet tqum sittin lira maltin. Meta nġiebet Malta għall-bidu ta' Awissu 1947, kienu daħħluha fil-bajja ta' Wied il-Għajn fuq barkun imżejjen apposta u refgħu fiha fost l-oħrajn biex itellgħuha proċessjonalment għall-knisja, l-istess kappillan, u wlied Spiru Vella li għalihom kienet saret il-wegħda. Kienet inġiebet fi żmien tajjeb biex tista' tintuża għall-festa ta' dik is-sena, peress li dak iż-żmein il-festa kienet tiġi ċċelebrata Ħadd fuq il-festa ta' Santa Marija Imtella' s-Sema.

F'ritratt li nġibed meta waslet il-vara fix-Xatt ta' Wied il-Għajn, wieħed jista' jara lil Spiru Vella ma' uliedu fuq quddiem flimkien mal-kappillan Agius. Sett ta' ritratti li jinsabu f'ħafna djar ta' nies minn Wied il-Għajn jippreżentaw storja interessanti ta' kemm dawk in-nies jieħdu gost b'affarijiet reliġjużi u importanti tar-raħal tagħhom. Ir-ritratti juru l-kaxxa tal-merkanzija li fiha nġiebet il-vara mid-dwana, il-kaxxa tinfetaħ u l-vara ppakkjata, il-ħruġ tal-vara mill-kaxxa, il-vara fuq il-barkun titwassal f'Wied il-Għajn, il-kappillan u numru ta' nies fuq il-barkun qabel ma rabtu mal-blat, diversi dgħajjes iduru mal-barkun u l-istatwa tittella' fuq it-trakk biex iġibuha qrib il-knisja. Jidhru wkoll nies li llum ma għadhomx magħna, iżda li ma kienx għalihom il-vara u l-istorja tagħna ma seħħew qatt.

Il-pedestall ħareġ il-flus għalih is-Sur Carmelo Grima miż-Żejtun, l-istess kuntrattur li kien qatta' l-blat b'xejn fejn kellha tinbena l-knisja l-ġdida. Qam tliet mitt lira

Maltija. Inħadem ukoll ġo Bolzano minn l-istess Ferdinando Stuflesser fis-sena 1948. L-ispiża kienet tkopri wkoll l-induratura.

Iċċelebrajna dan l-avveniment is-sena l-oħra, eżattament il-Ħadd 20 ta' Lulju meta l-vara ta' Sant'Anna iddaħħlet fil-port ta' Wied il-Għajn fuq dgħajsa kbira, l-istess bħal ma ġara ħamsin sena qabel u ittieħdet lejn il-knisja fost id-daqq tal-banda u l-logħob tan-nar ta' l-art u tal-baħar. Ingħata salut mill-kaċċaturi hekk kif waslet fuq il-moll in-naħa tal-Vajrita.

Wied il-Għajn sar Parroċċa fil-15 ta' Marzu 1949 mill-Mons. Arċisqaf Mikiel Gonzi. Dan il-villaġġ li sa dak iż-żmien kienu jgħixu fih ftit nies sar viċi parroċċa fis-7 ta' Diċembru 1918 mill-Mons. Isqof Mauro Caruana. In-nies kienu jiddependu fuq ir-raħal ta' Ħaż-Żabbar biex jirċievu s-sagramenti, Iżda bil-ħatra tal-Kanonku Dun Eleazaro Balzan, qasis mill-Isla, bħala l-ewwel viċi-parroku, setgħu ikunu amministrati s-sagramenti kollha fil-knisja ta' Sant'Anna minbarra ż-żwieġ.

Illum Wied il-Għajn huwa villaġġ bħal kull villaġġ li ssib ġo Malta. Iżda għandu karatteristiċi tiegħu. Il-popolazzjoni saret il fuq minn 5,000 ruħ u fis-Sajf, bejn nies tal-villeġġatura u turisti jkun jgħodd kważi d-doppju. Il-medja ta' l-eta' hija sebgħin fil-mija taħt l-erbgħin sena. Din is-sena n-numru ta' tfal għall-festa ta' l-Ewwel Tqarbina kellu jinqasam minħabba li kien hemm aktar minn mitt tifel u tifla. Wied il-Għajn qiegħed jiġi mfittex ħafna bħala post ta' residenza minn żgħażagħ li għad iridu jiżżewġu. Is-sena l-oħra għall-ewwel darba saru wkoll il-korsijiet għall-koppji bi tħejjija għaż-żwieġ li kienu suċċess kbir.

Fil-bidu tas-sena li għaddiet ġiet imwaqqfa' il-Kummissjoni Pastorali Parrokkjali li qed tiltaqa' regolarment darba fix-xahar, b'entużjażmu kbir, biex iġġib lill-parroċċa ta' Wied il-Għajn iktar il-quddiem. Id-diskussjonijiet serji u l-attendenza regolari tal-membri kollha juru l-impenn li dawn għandhom kemm għall-għaqda li jippreżentaw, kif ukoll għall-attivitajiet li jorganiżżaw. Is-sena l-oħra ġiet imwaqqfa' wkoll il-Kummisjoni Ekonomika Parrokjali, li f'idejha ħadet it-tmexxija tant importanti tal-finanzi. Il-membri ħarġu b'ideat sbieħ ħafna, li, bi ftit entużjażmu mill-poplu ta' Wied il-Għajn għandhom jirnexxu żgur. Twaqqif importanti ieħor li sar is-sena l-oħra kien il-kor tat-tfal tal-parroċċa, li sa ftit żmien ilu kien jagħmel parti mill-kor tal-kbar. In-numru ta' tfal f'dan il-kor huwa inkoraġġanti ħafna, u juri li ħafna mit-tfal li telgħin ġo Wied il-Gajn għandhom sens parrokkjali ta' min jinkoraġġih.

Nawgura lin-nies kollha ta' Wied il-Għajn festa mimlija barka u paċi.

Mary Rose Scicluna